# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Merill

Numru 45 Lulju - Awwissu 2001

# F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Kompetizzjoni 45 | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| Ittri | 4 |
| Kun berdwoċer 4 | 5 |
| Habitati: Ix-Xatt | 6-7 |
| Il-Mazzarell | 8 |
| Se tagħmlu barbikju? | 8 |
| Gallerija | 8-9 |
| Attività | 9 |
| Huġġieġa! | 10 |
| Mur aqbad ktieb | 11 |
| Huttafa tas-Sena | 11 |
| Daħħal membru | 11 |
| Ktieb ġdid | 12 |







# EDITORJAL



Ħbieb Huttaf,

F'Malta n-natura għandha żewġ problemi kbar: id-daqs u l-pożizzjoni ta' Malta!

Malta hija żgħira ħafna u hija gżira fnofs baħar. Allura għaliex huma problemi dawn?

L-ewwel waħda ovvja: meta għandek art żgħira, għandek inqas spazju fejn in-natura tinfirex. F'artijiet kbar, il-popolazzjoni ta' annimali u pjanti jistgħu jkunu kbar u bsaħħithom. Hawn Malta le! Hawn Malta dawn dejjem qegħdin fil-periklu li jinqerdu. Per eżempju, it-**tulipan selvaġġ** f'Malta jikber biss f'xi żewġ għelieqi mitluqin fl-inħawi tal-Marsa. Jekk bidwi jfettillu jmur ibexx, ċaw ċaw tulipan!Araw ftit kif irridu noqogħdu b'seba' mitt għajn anke fejn nirfsu! Għax jekk tliftha ma terġax tiġi. Għaliex ma terġax tiġi? Hawn hi t-tieni problema.

Meta għandek gżira għandek art maqtugħa għaliha. Biex pjanta tinfirex u tasal hawn trid taqsam ħafna baħar Kif se jirnexxilha? Forsi ż-żerriegħa tasal bir-riħ? Tista', imma mhux faċli. Forsi fit-tajn niexef ma' sieq ta' għasfur! Jista' jkun ukoll, imma diffiċli hux!

U bħall-pjanti, huwa kważi impossibli li jaslu Malta annimali oħrajn, għax dawn iridu jew jgħumuha jew itiruha.Tgħiduli din mhix problema għall-għasafar, għax l-għasafar itiru. Veru, imma isimgħu din. Darba Malta kien hawn iċ-**ċawl**, imma l-kaċċaturi qatluhom kollha. Allavolja ċ-ċawla ttir, xorta ma reġax ġie ċawl jgħix Malta. Għaliex? Għax iċ-ċawl ma jpassix! U bla ċawl bqajna, allavolja għaddew 45 sena mindu nqatlet l-aħħar waħda!


Victor Falzon

Għalhekk huwa importanti immens li b'mod speċjali aħna l-Maltin nibżgħu għal dak li għandna, għax jekk nitilfuh, mhux lakemm jerġa' jiġi.

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo


Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **347646** Fax: **343239** email: **info@birdlifemalta.org**
website: **www.birdlifemalta.org**
email tal-magazin: **ilhuttafa@birdlifemalta.org**



Materjal minn *Il-Huttafa* jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skopijiet kummerċjali, dment li jissemma' isem il-magażin u dment li tintbagħat lil BirdLife Malta kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Pubblikazzjoni: BirdLife Malta
Produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **Merill** (ritratt tal-ġenn ta' Denis Cachia)
Stampat: Poulton's Print Shop, Lulju 2001


Klabb Huttaf

Klabb Huttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin ***Il-Huttafa*** kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Shubija fi Klabb Huttaf hija Lm2 fis-sena.

# Reġġħet!



Raymond Galea

Tiftakruh dar-ritratt? Din kienet il-bejta li għamlet ħawwiefa s-sena l-oħra taħt ħnejja ta' garaxx ħdejn Had-Dingli. Għaliex qed nerġgħu nġibuh? Ovvja, hux! Dak il-par ħawwief (jew forsi t-tfal tagħhom) tant għoġobhom il-post li dis-sena reġgħu ġew u reġgħu bil-frieħ! Fl-istess post!

Għal min ma jafx, il-**ħawwiefa** (house martin) hija għasfur komuni tal-passa, imma rari ħafna tbejjet f'Malta.

# Sweet 16!

Għoddejtuhom? Sewwa għoddejtu: **sittax**! Fl-aħħar *Il-Huttafa* skantajna għax faqqsu 8 frieħ tal-**monakella** (little ringed plover)! Bir-raġun skantanja, għax qatt ma ġrat. Imma xbe nagħmlu issa li dak in-numru rdoppja!!!

Biex niftieħmu, il-frieħ mhux kollha baqgħu ħajjin, għax inċidenti jinqalgħu - uħud jegħrqu, oħrajn isibhom qattus u oħrajn ma jkunux b'saħħithom. Imma s'issa minnhom diġà kibru u taru sitta, u dak diġà rekord għal Malta!

U bilħaqq, hemm par reġgħu bil-bajd!

Inkredibbli!



# KOMPETIZZJONI 45

NORMAN CHETCUTI
*Ratman*



## Oħroġ il-far!



Did-darba mhux hut tridu ssibu imma **firien**! B'kollox hemm 8 firien moħbijin madwar l-imsejken pied piper, li qed jaħli nifsu biex joħroġhom mill-belt ta' Hamelin - imsomma, tafuha l-istorja!

F'idejkom, mela. Tinsewx, tqattgħux il-magazin (għax titilfu), imma ħudu fotokopja, immarkaw il-firien u ibagħtuhielna fl-indirizz paġna 2, flimkien ma' isimkom u l-indirizz.

Ċans għandkom sal-**31 Awwissu 2001**. Min jirbaħ jingħata **ktieb dwar in-natura**.

Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni 44 kienet **Sarah Jane Cauchi** minn H'Attard, li ma ħarbitilha ebda ħuta! Lil Sarah Jane nitolbuha tikkuntattja ċ-Ċentru ta' BirdLife Malta ħalli tkun tista' tmur tiġbor il-premju tagħha.




ġabra ta' Elisabeth Conrad



# Għal biċċa mowbajl..!

Nisimgħu ħafna fuq l-effetti tal-mowbajls fuq in-nies, imma mhux in-nies biss qed jiġu afettwati! Fir-Repubblika tal-Kongo fl-Afrika, ħafna speċi fir-riserva naturali ta' Okapi kienu qed jiġu mhedda minħabba tħaffir illegali għall-**coltan**, materjal li jintuża fil-manifattura tal-mowbajls. Dan it-tħaffir kien ilu għaddej mill-bidu tas-sena l-oħra, u n-numru ta' ħaddiema kien tela' għal 4000. Biex jgħixu, dawn il-ħaddiema bdew jikkaċċjaw diversi annimali, fosthom xadini u iljunfanti, minkejja l-fatt li din hija riserva naturali. Imma suldati u uffiċjali issa rnexxielhom iwaqqfu din l-attività, u keċċew il-ħaddiema illegali minn ġor-riserva.

Issa hemm bżonn isolvu problema simili f'riserva oħra fil-Kongo, dik ta' Kahużi-Biega, li fiha jgħixu popolazzjonijiet importanti ta' gorilli.



# Kien mitluf, u reġa' nstab!

**Sa ftit snin ilu, kienu jaħsbu li l-kukkudrill Sjamiż kien estint għal kollox. Imma grupp ta' konservazzjonisti Amerikani sabu dan l-annimal fit-Tajlandja, u rnexxielhom ukoll jiħdulu ritratt. Dan seħħ tassew b'kumbinazzjoni, għax dawn in-nies ma kinux qed ifittxu l-kukkudrilli, imma tigri! Sa l-bidu tad-Disgħinijiet, il-kukkudrill Sjamiż kien maħsub li nqered għal kollox mill-pajjiżi kollha fejn kien jgħix, li huma l-Vjetnam, il-Kambodja, il-Laos, il-Malasja u l-Indoneżja. Wara li reġa' nstab saret iktar riċerka u nstabu popolazzjonijiet żgħar oħrajn fil-Laos u l-Kambodja. Minkejja dan, in-numru totali ta' dal-kukkudrill hija biss ta' ftit mijiet; b'hekk dan il-kukkudrill huwa wieħed mill-iktar annimali rari fid-dinja.**



**Dan mhuwiex il-kukkudrill Sjamiż, imma sieħbu l-kukkudrill tas-salmastru.**



## Nixtieq nistaqsi...

Għażiż Editur,

Minkejja li m'inix membru tal-Klabb, xorta waħda naqra l-magażin li jirċievi hija u nsibu informattiv ħafna.

Nixtieq nistaqsi żewġ mistoqsijiet. L-ewwel waħda hija jekk hawnx xi mixtla jew post fejn jinbiegħu siġar Maltin (bħall-**għargħar** u **fulet il-klieb**) jew iż-żerriegħa tagħhom. Dan għaliex żerriegħa ta' ċerti speċi (speċjalment dawk rari) diffiċli ssib. Minbarra dan jien ma nistax inkun ċert illi s-siġar li minnhom niehu ż-żerriegħa huma ta' nisel Malti.

It-tieni mistoqsija hija dwar farfett li rajt fWied Għollieqa f'Mejju. Ħarist lejn il-ktieb *Wildlife of the Maltese Islands* iżda l-farfett simili li sibt kienu l-farfett taż-żiju u l-farfett tas-silla. L-għamla tiegħu kienet tixbaħ lil dak taż-żiju, iżda l-kulur kien ħafna iktar ħadrani u kellu ċirku żgħir ċar fuq kull ġewnaħ. Taf tgħidli liema speċi ta' farfett hu?

Grazzi ta' kollox u komplu bix-xogħol siewi li qed tagħmlu.

**David Grech**
Msida





Victor Falzon

**farfett tas-silla**

*Għażiż David,*

*Grazzi ta' l-ittra tiegħek - nieħu pjaċir meta nies li mhumiex membri xorta jaqraw Il-Ħuttafa.*

*Niġu għall-mistoqsijiet tiegħek. Dwar il-mixtla ngħidlek li fir-riserva ta' l-Għadira għandna mixtla li tkabbar siġar u arbuxxelli Maltin, u ngħidlek ukoll li tbigħhom bi prezz veru baxx! U għandna kemm għargħar u kemm fulet il-klieb. Iż-żerriegħa (jew il-biċċa) li minnhom huma mnisslin dawn il-pjanti huma kollha ta' nisel Malti, għax kollha nġabru jew inqatgħu mis-selvaġġ minn membri tagħna stess. Kif forsi taf, ir-riserva tkun miftuħa għall-pubbliku fi tmiem il-ġimgħa minn Ottubru sa Mejju.*

*Għalissa għad m'għandniex żerriegħa għall-bejgħ - dak se jkun proġett għall-futur qarib.*

*Niġu għall-farfett misterjuż. Minn dak li għedtli jidher li huwa kollu kemm hu l-**farfett tas-silla** (clouded yellow* Colias crocea*). Mill-friefet Maltin hu biss għandu dik id-dabra bajda meta jagħlaq ġwinħajh, u għalkemm minn fuq ikun isfar karg, minn taħt huwa ħafna iktar ħadrani. Biex inkun ċert jiena staqsejtlek lil wieħed espert tal-friefet, u kkonfermali dak li qed ngħidlek.*

*Nispera li weġibtek. U bilħaqq, nispera wkoll li tidħol membru f'BirdLife Malta int ukoll! Kull l-iċken ftit sapport jgħinna ħafna. Grazzi mill-ġdid!*

*L-Editur*



# Kun berdwoċer 4

Fil-harġa ta' qabel din rajna l-għasafar tas-sena kollha u tax-xitwa. Did-darba se nħarsu lejn l-għasafar tas-sajf u tal-passa.

## Għasafar tas-sajf

Hemm ftit għasafar li nsejħulhom residenti tas-sajf: dawn jiġu bil-passa, jieqfu Malta biex ibejtu, irabbu l-familja imbagħad jerġgħu jħalluna!

Fost dawn hemm iċ-**ċiefa**, il-**garnija** u l-**kanġu ta' Filfla**, tajr tal-baħar. Għandna wkoll il-**bilbla**, li timla l-beraħ tal-kampanja bit-tisfir ħelu, u l-**kaċċamendula**. Dan l-aħħar snin, bis-saħħa tar-riservi, żidna tnejn oħra: il-**monakella** u l-**bagħal tal-qasab**. Dawn huma l-ispeċi regolari.

Imbagħad hemm xi wħud li ma jbejtux kull sena, jew li rari jbejtu. Fost dawn hemm l-**isponsun**, il-**ġojjin**, ir-**russett tas-siġar** u l-**ħawwiefa** (ara paġna 3).

## Għasafar tal-passa

Mhux minn dejjem konna nifhmu x'jiġri fil-passa. Fl-antik, meta ma kellhomx satelliti, telefowns u e-mejl biex jikkomunikaw bejniethom, l-istudjużi kienu jaħsbu u jiktbu li l-għasafar fix-xitwa jorqdu fit-toqob, f'qiegħ ix-xmajjar jew anke fuq il-qamar! Illum nafu li l-għasafar ipassu minn pajjiż għall-ieħor, u dan jagħmluh biex jaħarbu l-maltemp. L-aktar għasafar li naraw Malta huma ta' dat-tip: għasafar tal-passa.

Mhux l-għasafar kollha jpassu l-istess. L-**isponsun** ta' l-iSkandinavja jpassi inqas minn 1000km u jqatta' x-xitwa fil-Gran Britannja. Il-**ħuttafa** titlaq minn kull parti ta' l-Ewropa fejn tbejjet u tasal l-Afrika t'Isfel, vjaġġ ta' madwar 9000km! Waqt li f'Malta jkollna x-xitwa, fl-Afrika t'Isfel ikun is-sajf. Hekk, bil-ħila tat-titjira tagħha l-ħuttafa tgawdi s-sajf ta' l-Ewropa kif ukoll is-sajf ta' l-Afrika t'Isfel (kieku aħna nistgħu nagħmlu hekk, kieku dejjem vaganzi, aahhh!!). L-għasfur li jpassi l-aktar huwa ċ-**ċirlewwa ta' l-artiku** li darbtejn fis-sena tpassi mill-ponta ta' fuq tad-dinja għall-ponta t'isfel tad-dinja, vjaġġ ta' madwar 13,000km kull darba!

Biex ikomplu jbellhuna, xi għasafar kapaċi jsibu l-istess roqgħa art jew siġra jew ramla li jkunu użaw fis-snin ta' qabel! Il-**pitirross** wieħed minn dawn l-għasafar!

Kif l-għasafar isibu t-triq minn fuq il-baħar fejn kollox sema u ilma għadu ħadd ma jaf. Nafu li l-**borok** jippreferu jpassu f'qamar kwinta: forsi biex ikollhom id-dawl bil-lejl, jew biex jużaw il-ġibda tiegħu biex jagħrfu 'l fejn itiru. Xi studjużi jgħidu li l-għasafar għandhom bħal boxxla f'moħħhom, li biha jagħrfu d-direzzjoni. Però kif għedna, ħadd għadu ma jaf biċ-ċert.

Biex għasfur ipassi distanzi twal jeħtieġ ħafna enerġija, u ħafna enerġija teħtieg ħafna ikel. Ħafna għasafar ma jiklux waqt li jpassu. Għalhekk qabel jitilqu jieklu ħafna u jrabbu x-xaħam taħt żaqqhom, biex waqt li jtiru jużaw lilu għall-enerġija. Minn studju bħar-ringing nafu illi daqs kemm jaħżnu xaħam xi speċi jirduppjaw fil-piż qabel ipassu!

Iktar minn 300 speċi ta' għasafar ipassu minn Malta. Dawn ikunu qed jaqsmu mill-Afrika għall-Ewropa fir-rebbiegħa u bil-kontra fil-ħarifa. Fosthom hemm **irsieset**, **borok**, **tajr tal-priża**, **gawwi**, **ċirlew**, **bufui** u **daqquq**. Meta jaslu Malta jkunu ilhom xi ġurnata jaqsmu d-deżert jew il-baħar, fejn kull senu jmutu miljuni ta' għasafar bil-ġuħ, bl-għatx , bl-għeja u bil-maltemp. Dawk li jaslu jkunu tassew l-aktar b'saħħithom, u għalhekk ma jagħmilx sens li noqtluhom "għax xorta se jmutu b'kawża naturali" kif jirraġunaw xi kaċċaturi!

Fir-rebbiegħa l-għasafar ikollhom ġenn biex jaslu l-Ewropa ħalli jsibu biċċa art (territorju) għall-bejta tagħhom. Għalhekk ma jdumux Malta, u ħafna minnhom lanqas biss jieqfu jistrieħu! Mill-banda l-oħra fil-ħarifa ma jkollhomx dik l-għaġla kollha, u spiss jieqfu xi ġimgħa jistrieħu f'postijiet bħall-Buskett!

*Justin Vassallo*



## Habitati




# Xatt il-baħar

Fis-sajf inħobbu ninżlu niffriksaw fil-baħar u ngħaddu s-sigħat nitbellhu fix-xtut. Min iħobb il-blat u min irid r-ramel. Mhux aħna biss bil-preferenzi, tafux!

L-istess il-pjanti u l-annimali tax-xtut: mhux kollha jħobbu l-istess tip ta' xatt. Hu xatt bir-ramel: ħafna pjanti tgħallmu jissaportu l-imluħa ta' l-ilma baħar u sabu mezz kif jidfnu l-għeruq fir-ramel u t-tajn**Xewk ir-ramel** (1) ismu miegħu - dan jikber f'bukketti fuq l-għaram tar-ramel, u jagħmel fjuri żgħar vjola fl-ikħal - ma nagħtikomx parir toqogħdu bil-qiegħda fuqu, speċjalment jekk tkunu bil-malja! Pjanti oħrajn li jħobbu x-xatt huma s**simar** (2) b'weraq qisu lanez twal u jniggżu; **kromb il-baħar** (3) bi fjuri sofor ilellxu; u l**pankrazju** (4) li jagħmel fjuri qishom ġilju abjad, u jfuħu. Fejn hemm xi għajn ta' l-ilma ħelu jagħti għal fuq ix-xatt ma tonqosx il**qasba kbira** (5). U spiss hawnhekk ukoll insibu s-siġra tipika tax-xtut: il-**bruka** (6). Imgerbeb 'l hawn u 'l hemm bħal żigarelli kannella, xi weraq imqaċċat ta' **alka** (7) li proprjament jisimha posidonja. Il-posidonja darba kienet pjanta ta' l-art, imma biż-żmien biddlet l-ambjent tagħha u llum tħaddar u tagħmel il-fjuri fil-baħar biss!

F'xatt bil-blat mikxuf ma ssibx wisq pjanti peress li hawnhekk m'għandhomx fejn jifirxu l-għeruq. Insibu però grupp speċjali ta' pjanti li ma jkabbrux għeruq imma li jieħdu s-sustanza li għandhom bżonn dritt mill-ilma baħarDawn huma l-




**algi** (8), u kważi kollha jikbru taħt wiċċ il-baħar Imma hemm numru minnhom li kapaċi jissaportu ftit ħin mikxufin, u dawn issibhom fit-tarf nett tax-xatt, iggranfati mal-blat li jinħasel kważi l-ħin kollu mill-mewġ u mir-raxx.Tħawdux l-algi ma' l-alka. Għalkemm it-tnejn jikbru fil-baħar, huma pjanti differenti ħafna.

Fl-istess inħawi jgħixu wkoll annimali li jekk ma tkunx qed tfittixhom ma tarahomx. **Limħar** (9) jixkaxxa ġismu ċatt mal-blat biex il-mewġ ma jaqilgħux, u l-istess jagħmlu l**ħanżir il-baħar** (10) u l-**koċċli** (11). Il-koċċli ssibhom jikbru anke ma' xi bċejjeċ ta' l-injam (u anke ma' ġisem il-balieni!!!). Fix-xquq u l-ħofor ma jonqosx i**bebbux il-baħar** (12), u jiġri 'l hemm u 'l hawn xi **granċ** (13) ukoll.

Xatt bit-tajn jew ramli huwa ġenna ta' l-art għall-għasafar tal-plajja, bħall**beggazzina tar-rokka** (14), il-**monakella** (15) u l-**monakella prima** (16). Dawn iħufu max-xatt biex bil-munqar qisu pinzetta jtellgħu d-dud li jkun moħbi fir-ramel u t-tajn. Xi qatgħa **tertux** (17) iżżid timla x-xena, u l-kuġin kbir tagħhom, il**gawwija prima** (18), jaqdef 'il barra sejjer jistad x'imkien.

Kont tobsor li x-xatt jiflaħ daqshekk ħajja? Jiflaħ, u iktar minn hekk. Naturalment sakemm ma jiġix i**bniedem** (19) bil-lukandi, bil-gafef, bil-konkos, bl-iskart, biż-żjut, bis-senter..

*Victor Falzon*

---

*Din l-istampa u ħafna mit-tagħrif ta' magħha kienu darba deħru fil-magażin* ***Il-Kanġu*** *(numru 24 ta' Awwissu 1990). Dal-magażin kienet toħorġu BirdLife Malta għall-membri żgħar u żgħażagħ tagħha, li dak iż-żmien konna nsejħulhom MOSYouths.*

---

# Il-mazzarell

Jason Aloisio



Predatur huwa annimal li jikkaċċja annimali oħrajn biex jikolhom. Bħall-iljun, per eżempju, xi whud minnkom tgħidu. F'Malta ljuni m'għandniex (ħlief tal-ġibs f'xi parapetti!). Iżda predaturi żgħar għandna mhux ħazin. Il-mazzarell huwa wieħed minnhom. Daqs tikka jekk tqabblu ma' l-iljun. Imma f'dik li hi ħeffa, kapaċità u feroċja jħabbatha sew miegħu.



Il-mazzarell jibda ħajtu bħala larva tgħum fl-ilma ħelu - ikun għadu bla ġwienaħ. Jimxi b'ħeffa kbira billi jimbotta l-ilma mit-tarf ta' ġismu. Għalkemm ferħ, digà predatur qalil. Il-priża jaqbadha bi speċi ta' id li għandu mitwija taħt rasu,li jisparaha b'ħeffa kbira. Dak li jaqbad jiddependi mid-daqs tiegħu: minn dud tan-nemus sa mrieżeb u anke ħut żgħir jekk jinzerta f'xi vaska.

Meta jikber jinbidel f'dak l-insett sabiħ, ħafif u lvent li naraw jittajjar fuq l-għadajjar. Issa l-priża jibda jaqbadha waqt li jkun qiegħed itir, il-biċċa l-kbira mill-ajru jew minn fuq wiċċ l-ilma. Il-mazzarell għandu għajnejn kbar u żviluppati sew Mhux ta' b'xejn li dak li jixħet għajnu fuqu, ftit ikollu ċans li jiskappa!

Spot Natura



**Jekk tridu t-tpinġija tagħkom tidher fil-magażin, agħmlu hekk:**

- pinġu dejjem fuq karta bajda
- tpinġux ikbar minn dil-paġna
- pinġu b'linka sewda, qatt bil-kulur
- tpinġux annimali domestiċi
- iktbu isem l-annimal jew pjanta
- iktbu isimkom u l-età

**Kull tpinġija li nġibu tieħu 3 punti fil-Ħuttafa tas-Sena 2001**

## Se tagħmlu barbikju???

### Erba' punti ta' malajr...

- Naqqsu ftit mill-konsum tal-laħam, u hudu iktar salads, frott eċċ. Aktar ma nieklu laħam aktar qed noqtlu annimali. Fejn nistgħu nnaqqsu ftit...
- Tqażżux il-post b'mużika tgħajjat. Dan barbikju mhux disko! Il-kwiet sabiħ ukoll, u probabbli ħaddieħor (inkluż annimali) ma jridx jisma' l-istorbju tiegħek!
- Jekk qegħdin ħdejn xi rdum, tixegħlux dwal qawwijin - forsi hemm iċ-ċief ibejjet ma' l-irdum, u dan jitgerrex ħafna mid-dawl. Aħjar biċċa lampa żgħira tal-gass, kemm tara tiekol. Hemm għalfejn inġibu l-post qisu stejdjum?
- Tarmux faħam maħruq fil-baħar, u lanqas tidfnuf fir-ramel! Sibu skipp, anzi l-aħjar huwa li taħsbu minn qabel biex iġġibu xi barmil biex tieħdu lura l-faħam fiħ, u tarmu kollox id-dar.

## Gallerija

3

**Kokka**
**Adriana Vella (9)**





**Ħawwiefa**
**Bernice Schembri (11)**

**Gamiema**
**Elton Zammit (9)**





**Pappagall**
**Owen Grima (8)**




RAPPORT

## Kemm tajjarna xogħol!

Waslu l-vaganzi, u għalhekk kien xieraq li mmorru naghtu daqqa t'id fir-riserva ta' l-Għadira. Veru, kienet ix-xemx, imma din ma waqqfitniex milli mmiddu jdejna għax-xogħol. Konna madwar 11-il ruħ u kulħadd sab xi ħaġa x'jagħmel: min inaddaf l-għadajjar tar-riserva mill-algi u ħaxix żejjed, min iħaffer ir-ramel biex l-ilma jkun jista' jgħaddi minn għadira għall-oħra, u min jiġbor il-ġebel żgħir mill-ħamrija. Kulħadd għeja imma fl-aħħar mill-aħħar kulħadd kien sodisfatt bix-xogħol li għamel f'dir-riserva li tagħmel daqstant ġid biex teduka lin-nies. Wara morna ġirja waħda lejn il-baħar man-naħa l-oħra tat-triq. Tinżillek għasel għawma f'dik is-shana! Użajna l-enerġija li kien baqagħalna naqbżu u nilagħbu fil-baħar; imbagħad kulħadd intefa' jitgħażżen fuq ir-ramel. Qgħadna nitkellmu fuq kif se jerġa' jitwaqqaf il-**Falco**. Sewwa smajtu - din it-taqsima ta' BirdLife Malta se terġa' titwaqqaf, b'aktar attivitajiet għalina ż-żgħażagħ. Inħeġġeġ lil dawk li għalqu t-13 biex jibdew jattendu bi ħġarhom għal dawn il-ħarġiet.

André Callus


Justin Vassallo



Hawn ħbieb tal-Falco! Iva! Il-Falco ser terġa' tibda! Għal min ma jiftakarx, il-Falco kienet it-taqsima taż-żgħażagħ ta' BirdLife Malta. Iż-żgħażagħ li kienu jmexxuha xjaħu, iżżewġu jew emigraw, u msomma ma kien hemm ħadd biex joħdilhom posthom! Imm aħna se nerġgħu nqajmuha. Aħbar sabiħa li ħafna minnkom ilkom tistennewha bil-ħerqa. Tant hu hekk illi avolja għadna ma ffurmajniex kumitat, diġà hemm min qed jagħmel xogħol bħal disinn ta' logo, jikteb rapporti ta' attivitajiet u jċempel lill-membri biex iħajjarhom jattendu l-attivitajiet. Fil-fatt ir-rapport ta' l-aħħar attività ta' l-Għadira kitbu André. Prosit!

L-attività f'Ta' Ċenċ kienet suċċess. Graziella bħas-soltu ġiet tgħin bħala leader. Il-mixja għaġġilnieha u f' iMġarr ix-Xini rajna t-torri li qed taqagħlu l-faċċata, u għomna ftit ukoll. Ta' Ċenċ ħadna battikata biex intellgħu t-tinda u nsajru! Wara kellna spjega interessanti ħafna minn xi ħbieb ta' l-Astronomical Society. Urewna ħafna kostellazzjonijiet u rnexxielhom iwieġbu l-ħafna mistoqsijiet li għamilnielhom. Grazzi tassew! Did-darba ċ-ċief ma tantx smajniehom sew minħabba r-riħ qawwi. Filgħodu mixja sax-Xlendi, u bqajna hemm ngħumu sa wara nofsinhar.

Għa din l-attività kellna tliet membri ġodda, li nisperaw nibdew narawhom spiss. Inħeġġeġ ukoll lilkom li qed taqraw biex tibdew tattendu wkoll. Ħafna jaħsbu li aħna xi iffissati fuq l-għasafar. Xejn minn dan! Fil-fatt aħna sirna grupp ħbieb li niltaqgħu biex nieħdu pjaċir bin-natura ta' Malta u bil-kumpanija ta' xulxin. Mela narawkom.

**Justin Vassallo**

**Wiżża tal-Kanada**
**Kurt Schembri (8)**





**Farfett - Robert Said (12)**



**Xirgien - David Attard (13)**





# Ħuġġieġa!

Elisabeth Conrad

**Spiss nisimgħu bil-qerda ta' foresti min-nirien. L-ikbar periklu min-nirien jiġi mill-fatt li dawn huma diffiċli immens biex tikkontrollahom, u jinxterdu malajr ħafna: f'temp ta' minuti jistgħu jinħakmu kilometri sħaħ. Fl-1997, per eżempju, in-nirien ħakmu meded kbar ta' foresti f'diversi pajjiżi fosthom l-Indoneżja, il-Brażil, it-Tanżanija u l-Malażja. Tant kienet serja l-problema li l-WWF iddikjarat l-1997 bħala s-sena meta "qabdet id-dinja" ("the year the earth caught fire").**

In-nirien forestali jistgħu jkunu naturali jew tort tan-nies. Nirien naturali jistgħu jibdew mis-sajjetti, per eżempju. Fil-fatt, f'xi foresti n-nirien huma essenzjali! Iż-żerriegħa ta' xi siġar għandhom bżonn in-nar biex jinbtu. Nirien żgħar u regolari fil-foresti huma importanti wkoll għax bihom jinħaraq il-ftit injam niexef li jkun waqa', u b'hekk ma jinġemax ħafna materjal mejjet fil-foresta, li jekk ma jinħaraqx ftit ftit, jinfexx darba f'inċendju tant kbir li tinqered il-foresta kompletament! F'xi partijiet ta' l-Amerka ta' Fuq inħolqot



Wara li tinħakem min-nar, iż-żerriegħa tal-Banksia tinbet qalb l-irmied sustanzjuż!



dil-problema meta n-nies ippruvaw iwaqqfu n-nirien naturali. Li ġara imma kien li fil-foresti nġema' ammont kbir ta' fjuwil - il-ħafna ħaxix niexef u njam mejjet li ma nħaraqx. Ma' l-iċken xrara nar, dal-materjal qabad kollu, u ħoloq nirien enormi li kien impossibbli tikkontrollahom.

Għalkemm nirien naturali huma komuni, il-parti kbira joħloqhom il-bniedem, jew apposta jew bi traskuraġni. F'xi pajjiżi ( eż. il-Brażil) il-foresti jaħarquhom apposta biex tinkixef l-art għall-biedja. Li jiġri huwa li spiss jintilef il-kontroll ta' dawn in-nirien, li jinxterdu mal-bqija tal-foresta, u min jaf kemm miljuni ta' annimali jinħarqu, xi drabi anke nies minn tribujiet indiġeni li jgħixu fil-foresti! Il-problema tkompli tiggrava għax iktar ma jinqerdulha siġar, iktar il-foresta tonqsilha r-reżistenza għall-ħsara li jagħmel in-nar.

In-nirien forestali għandhom ukoll effetti diretti fuq is-saħħa tan-nies. Spiss imutu n-nies ukoll meta n-nirien jinxterdu f'inħawi fejn hemm djar, biex ma nsemmux it-teffiegħa tan-nar li jissugraw ħajjithom u ġieli jitilfuha wkoll. F'dawn l-aħħar snin, bliet fl-Asja tax-Xlokk u fl-Amerka t'Isfel kienu spiss ikunu fgati bid-dħaħen kbar mill-foresti. Dawn ħolqu problemi serji ta' saħħa, speċjalment problemi tan-nifs.

Il-kontroll tan-nirien forestali qiegħed kull ma jmur jitjieb, bis-saħħa ta' teknoloġiji ġodda. Imma l-periklu għadu kbir. Dis-sena, per eżempju, aġenziji tat-tifi tan-nar fl-Istati Uniti qed jistennew staġun mimli periklu minħabba li l-foresti nzertaw kollha nexfin wisq. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-iċken traskuraġni tista' tikkawża diżastri kbar.

**Għalhekk huwa importanti ħafna r-rwol ta' l-edukazzjoni, biex kulħadd ikun jaf il-konsegwenzi ta' meta tilgħab man-nar!**





Illum it-teknoloġija tgħin ħafna fit-tifi tan-nar...

# Mur aqbad ktieb...




**Miktub mill-famuż David Bellamy, bi tpinġija ta' Penny Dann (Lincoln 1991)**

Kont taf li tista' tagħti sehemek biex issalva d-dinja? Jekk għandek sitt snin jew iktar, u timxi ma' l-ideat li fih dan il-ktieb, inti tista' tgħin biex tagħmel id-dinja post aħjar għalina lkoll. Titgħallem kif tiffranka l-enerġija, tipproteġi n-natura, iżżomm l-arja u l-ilma ndaf u tirriċikla. F'dan il-ktieb insibu wkoll spjegazzjonijiet ċari ta' kif nistgħu nagħmlu proġetti bħal bird table, kompost, kaxex għall-affarijiet li nkunu se nirriċiklaw u anke vaska. Dan kollu tgħallimulna baliena dħulija li tispjegalna għaliex huwa daqshekk importanti li ma nkomplux nagħmlu ħsara lid-dinja tagħna.

*Janet Gerardi*

*Dan il-ktieb issibuh ukoll fil-Librerija Pubblika tal-Furjana.*







**Dawn qegħdin fuq quddiem fit-tellieqa Ħuttafa tas-Sena 2001**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Jürgen Pavanello | 170 | Damian Micallef | 063 |
| Paul Calleja | 123 | Clayton Borg | 060 |
| Kyra Vassallo | 103 | Eric Pace | 057 |
| Juan Ellul Pirotta | 085 | Andy Attard | 048 |
| Emanuel Falzon | 078 | Darren Dalli | 048 |
| Cliff Sacco Decelis | 076 | André Camilleri | 046 |




## Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u int tieħu



- Tliet pitazzi
- Stiker bil-kulur
- 8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena

Ħajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.




**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______
Indirizz ______
______ postcode ______
Data tat-twelid ______ Telefon ______ email ______

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______
Indirizz ______
______ postcode ______
Membership number ______ Telefon ______ email ______

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 34 bolla tas-6ċ

Tqattax il-magażin - ħu fotokopja! Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!

# Għadu johroġ!!!

*Ktieb ġdid dwar l-għasafar ta' Malta.*




- *Stampi bil-kulur ta' l-għasafar KOLLHA li jżuru Malta!*
- *Tagħrif interessanti fuq 379 speċi ta' għasafar!*
- *Miktub mill-aqwa espert Malti fuq l-għasafar!*
- *182 paġna ppakkjata tagħrif u tpinġija!*
- *Lm4 biss (+40ċ posta)!*

**Ordna wieħed issa! Ċempel lil BirdLife Malta**